QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA

IMĦALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum il-Ħamis, 21 ta' Marzu 2024**

**Kawża Numru: 18**

**Rikors Ġuramentat Numru: 1450/2023 JVC**

**Av.Veronica-Anne Spiteri, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru 0021294M, bħala mandatarju specjali ta' Andrew Formosa detentur tal-passaport Awstraljan bin-numru RA3264446**

**vs.**

**Direttur tar-RegistruPubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Dr Veronica-Anne Spiteri noe talbet kif isegwi:

1. 'Illi s-Sur Andrew Formosa, mwieled Andrew Grech, huwa Malti b'ċittadinanza Awstraljana li twieled nhar it-tlieta u għoxrin ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija tlieta u disgħin (23.05.1993) ġewwa Pieta, Malta, u huwa t-tifel bioloġiku ta' Augustine Grech u Josephine Julie Formosa, *hekk kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala DOK AFĊ*;

2. Illi fl-4 ta' Mejju tas-sena 1994 omm Andrew Formosa, ossia Josephine Julie Formosa, telqet mid-dar matrimonjali flimkien mat-tlett'itfal tagħha, fejn sussegwentament l-istess omm sseparat minn ma' Augustine Grech, ossia l-missier biologiku ta' Andrew Formosa, mwieled Andrew Grech, ngħatat il-kura u kustodja tat-tlett'itfal, fejn minn mindu Andrew Formosa, mwieled Andrew Grech, kellu sentejn, l-missier biologiku tal-istess parti waqaf milli jezercita l-aċċess tiegħu sabiex jara t-tfal u saħansitra anki qatt ma' pprovda xi tip ta' manteniment;

3. Illi omm Andrew Formosa, ossia Josephine Julie Formosa ltaqat ma' Mark Formosa fis-sena elf disgħa mija ħamsa u disgħin (1995), fejn fis-sena elf disgħa mija sitta u disgħin

(1996) l-istess omm, ossia Josephine Julie Formosa, flimkien mat-tlett'itfal tagħha marru jgħixu ma' Mark Formosa;

4. Illi Andrew Formosa, għalkemm mwieled bħala Andrew Grech, ma jiftakarx b'mod ċar l-ewwel ftit snin ta' ħajtu, u in vista ta' dan, u in vista ukoll tal-prezenza kontinwa ta' Mark Formosa bħala l-figura ta' missier, dejjem rrikonoxxa lill-istess Mark Formosa bħala missieru tant illi dejjem uza l-kuljom 'Formosa';

5. Illi f'Novembru tas-sena elf disgħa mija disa u disgħin (1999) l-familja kollha, l-omm flimkien mat-tlett'itfal tagħha u Mark Formosa, emigraw lura lejn l-Awstralja u f'Diċembru tal-istess sena t-tlett'itfal kollha, nkluz s-Sur Andrew Formosa, li dak iz-zmien kellu sitt (6) snin, kien rreġistrat u aċċettat ġewwa skola fl-Awstralja taħt il-kuljom 'Formosa' u dan nonostante l-fatt illi sa' dak iz-zmien legalment kien għadu Andrew Grech;

6. Illi mill-affidavit u d-dokumenti annessi ta' Andrew Formosa, *hawn annessa u mmarkata bħala DOK AFA*, kif ukoll mill-affidavit u d-dokumenti annessi ta' Josephine Julie Formosa, omm Andrew Formosa, *liema affidavit qed tiġi hawn annessa bħala DOK JF1*, jidher illi sa minn eta' tenera Andrew

Formosa dejjem ħass il-ħtieġa li jiddentifika ruħu bħala 'Formosa' u mhux 'Grech', tant illi mid-dokumenti annessi jidher illi saħansitra anki fiċ-ċertifikat tal-laurea tiegħu, jidher li nħareġ fuq 'Andrew Formosa' u mhux' Andrew Grech';

7. Illi in vista tal-fatti suesposti, u wara ordni maħruġ mill-'*Local Court of Paramatta in the state of New South Wales, Australia*', liema ordni hija datata 18/06/2003, l-qorti Awstraljana msemmija ordnat illi huwa fl-aħjar interess ta' '*Andrew Grech'*, li jbiddel kuljomu, u jkun magħruf bħala '*Andrew Formosa', ara annexure N mal-affidavit ta' Josephine Julie Formosa;*

8. Illi in segwitu ta' dan, fit-30 ta' Ġunju 2003, *ara annexure P mal-affidavit ta' Josephine Julie Formosa,* nħareġ ic- '*Change of Name Certificate'* mir-'*Registrar of Births, Deaths an Marriages*' tan-New South Wales ġewwa l-Awstralja;

9. Illi minn wara t-30 ta' Ġunju 2003 sal-ġurnata tal-lum '*Andrew Grech'* tbiddel għal '*Andrew Formosa'* , u dan jista' jiġi vverifikat ukoll permess ta' kopja tal-passaport kollu tal-istess Andrew Formosa, li huwa '*apostilled*' u li huwa *anness*

*u mmarkat bħala DOK AF1 mal-affidavit tal-istess Andrew Formosa;*

10. Illi l-familja kollha, ossia Josephine Julie Formosa, Mark Formosa, ħuhom mejjet Augustine Formosa, oħt Andrew Formosa, Nathalie Formosa u Andrew Formosa nnifshu iqisu lilhom nfushom bħala l-familja Formosa, u dan il-fatt flimkien ma' fatti oħrajn jistgħu jiġu vverifikati mill-affidavits ta' Mark Formosa u Nathalie Formosa, hawn annessi u mmarkati bħala DOK MFA u DOK NF;

11. Illi s-Sur Andrew Formosa jixtieq illi jkompli jimraħ l-opportunitajiet professjonali tiegħu ġewwa Malta u konsegwentament jixtieq li l-posizzjoni tiegħu legali ġewwa hawn Malta tiġi ukoll regolarizzata, hekk kif diġa ġiet regolarizzata ġewwa l-Awstralja;

12. Illi konsegwentament ir-rikorrenti jixtieq jipprevalixxi ruħhu mid-disposizzjonijiet tal-artiklu 253 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-kunjom li r-rikorrenti kien konsistentament msejjaħ bih, ossia 'Formosa', jiġi rifless fid-dokumentazzjoni kollha uffċċjali, kif ukoll fi kwalunkwe dokumentazzjoni, ossia karta tal-identita u passaport, li jinħarġu mill-istess Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku;

13. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha magħrufa lir-rikorrenti personalment;

14. Illi għal kull buon fini qed tiġi pprezentata l-prokura oriġinali fejn Andrew Formosa qed jawtorizza lil Dr.Veronica-Anne Spiteri, LL.D sabiex taġixxi bħala l-mandatarju tiegħu, *hawn anness u mmarkat bħala DOK PA*;

<u>Raġuni tat-Talba</u>

1. Illi stante l-fatt li r-rikorrenti jixtieq illi jimraħ professjonalment f'orizzonti ġodda, kif ukoll għax jixtieq jikkoreġi l-kunjomu hawn Malta, fejn mal-Awtoritajiet ta' art twelidu jkun mgħarraf u jkun rikonoxxut b'mod ufficjali bħala Andrew Formosa u mhux Andrew Grech, u dan billi din l-Onorabbli Qorti għandha s-setgħa li tordna lid-Direttur konvenut jagħmel annotazzjoni meħtieġa sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata, minkejja li dan it-tibdil fil-kunjom mhux imputabbli għal imħarrek Direttur, kellhom jsiru dawn il-proceduri.

<u>Talbiet</u>

Jgħid għalhekk l-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex, prevja kull dikjarazzjoni oħra xierqa u oppourtuna:

1. Tiddikjara illi l-kunjom ta' Andrew Formosa, mwieled Andrew Grech, detentur tal-passaport awstraljan bin-numru

RA3264446, jiġi emendat sabiex isir Formosa u dan sabiex r-rikorrenti jiġi mgħarraf bħala '*Andrew Formosa*' fid-dokumenti kollha uffiċċjali li jinħarġu mid-Direttur intimat.

2. Tordna it-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti jiġi rifless fil-karta tal-identita, fil-passaport, fil-licenzja tas-sewqan u fid-dokumenti uffiċjali kollha sabiex il-kunjom jinbidel minn 'Grech' għal 'Formosa'.

3. Tordna li dan it-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti jiġi rifless f'kull att tal-Istat Civili relattivi tar-rikorrent sabiex l-kunjom jinbidel minn 'Grech' għal 'Formosa'.

4. Tordna lid-Direttur tar-reġistru pubbliku sabiex in segwitu jaffetwa tali korrezzjoni li jottempra ruħu mad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 256 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tordna li jinħarġu mid-Direttur konvenut jagħmel dik l-annotazzjoni meħtieġa fil-marġini tal-Att tat-twelid bin-numru 2650/1993 b'dan illi l-istess Andrew jiġi rreġistrat bil-kunjom ta' 'Formosa' flok 'Grech', u dan ai termini tal-artikolu 253 u 253(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-Direttur konvenut jinsab minn issa ngunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat. Mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta li skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **2650/1993** (anness u mmarkat **Dok. DRP 1**), ir-rikorrenti nominee twieled bl-isem '**Andrew'** ġewwa Malta nhar it- 23 ta' Mejju 1993 lil 'Augustine GRECH' u 'Josephine *wife of the said* Augustine GRECH'. Illi skont il-liġi in vigore f'dak iż-żmien, ir-rikorrenti nominee addotta kunjom missieru ossia 'GRECH'. Għaldaqstant ma sar ebda żball mill-esponent;

4. Illi r-rikorrenti permezz ta' din il-kawża qiegħed jisħaq illi huwa kien minn dejjem magħruf bil-kunjom 'Formosa' u mhux 'Grech' u jippreżenta numru ta' dokumenti sabiex jippruvaw dan fosthom *"Change of Name Certificate"* maħruġ mir-Reġistru ġewwa New South Wales fl-Awstralja;

5. Illi fil-mertu, l-esponent jirrileva illi huwa mhuwiex edott mill-fatti;

6. Speċifikament dwar l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba, l-esponent jirrimetti ruħu salv illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfacenti f'għajnejn il-liġi u salv illi l-Qorti tkun sodisfatta illi r-rikorrenti nominee minn dejjem kien u għadu konsistentement magħruf bl-isem u l-kunjom 'Andrew FORMOSA', **b'dan illi jekk l-Qorti tilqa' l-istess talbiet, jiġi rilevat illi l-esponent jottempora ruħu mas-sentenza billi jsir tibdil fil-kunjom permezz ta' annotazzjoni ġenerali, liema tibdil jista jsir biss fuq l-Att tat-Twelid tal-attur bin-numru 2650/1993 stante illi dan jidher li huwa l-unika Att tal-Istat Ċivili tar-rikorrent nominee li huwa reġistrat mar-Reġistru Pubbliku**;

7. Illi speċifikament dwar it-**tieni talba**, **din ma tistax tintlaqa' stante illi l-korrezzjonijiet ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta issiru biss fuq l-Atti tal-Istat Ċivili fil-poteri tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku** u għalhekk mhux fuq karti tal-identita', passaporti u liċenzji tas-sewqan fost oħrajn. Illi tali tibdiliet fuq dawn id-dokumenti uffiċjali jsiru wara li jsir it-tibdil fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati;

8. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunt in subizzjoni.′

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi li ggib id-data tad-9 ta′ Jannar 2024 b′dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu l-Qorti rat l-affidavit tar-rikorrent (fol. 8 et seq) fejn jispjega kif u r-ragunijiet ghalfejn huwa fil-fatt maghruf bil-kunjom ta′ Formosa u mhux Grech. Rat mid-dokumentazzjoni annessa partikolarment mill-passaport Awstraljan a fol. 13 li kunjom ir-rikorrent fl-Awstralja huwa rikonoxxut bhala dak ta′ Formosa. Rat ukoll id-dokumentazzjoni l-ohra li tindika lir-rikorrent bil-kunjom Formosa.

Rat l-affidavit ta′ Josephine Julie Formosa omm ir-rikorrent li ghar-ragunijiet kif indikati fl-istess affidavit xehdet ghalfejn ir-rikorrent jidentifika ruhu bil-kunjom Formosa u mhux Grech u kif ir-rikorrent u hutu bdew il-kunjom ta′ Formosa.

Rat id-dokument ta′ cittadinanza Awstraljana tar-rikorrent li jindika wkoll il-kunjom Formosa liema dokument igib id-data tat-23 ta′ Mejju, 1993 (dokument G). Rat ukoll dokumentazzjoni tal-iskola tar-rikorrent u hutu li jindikaw li kienu identifikati bil-kunjom Formosa.

Rat id-dokument tal-bidla fil-kunjom datat 30 ta' Gunju 2003 rikonoxxut fl-Awstralja prezentat bhala dokument P fl-atti.

Rat ir-ritratti esebiti fl-atti li lkoll jissustanzjaw ulterjorment il-pretensjoni tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit ta' Mark Formosa esebit bhala Dok. MFA fl-atti fejn jispjega r-raguni ghalfejn ir-rikorrent u hutu sa minn meta zghar assumew il-kunjom ta' Formosa.

Rat l-affidavit ta' oht ir-rikorrent Natalie Formosa esebit fl-atti li wkoll hija rikonoxxuta bil-kunjom Formosa tant li ghandha wkoll il-passaport Awstraljan bil-kunjom Formosa.

Illi mill-provi kollha fl-atti l-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrent verament huwa maghruf bil-kunjom Formosa u mhux Grech tant li jekk jintuza l-kunjom Grech ikun hemm possibilita' ta' tfixkil fl-identita' tieghu, ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent salv ghal dawk it-talbiet li kif eccepixxa l-intimat ma jaqghux fil-poter tal-istess intimat.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa′ t-tieni u t-tielet talba biss limitatament fir-rigward ta′ dokumentazzjoni fil-poter tad-Direttur intimat;

4. Tilqa′ r-raba′ talba kif dedotta;

5. Tilqa′ l-hames talba kif dedotta.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Tordna notifika ta′ din id-decizjoni lid-Direttur intimat skont il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**21 ta′ Marzu 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**21 ta′ Marzu 2024**